



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Marzu 2020  
(OR. en)

6184/20  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 6  
RELEX 141

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Barranin)  
17 ta' Frar 2020

## **WERREJ**

**Pàġna**

### **Attivitajiet mhux leġislattivi**

|    |                                         |   |
|----|-----------------------------------------|---|
| 3. | Ġrajjet Kurrenti .....                  | 3 |
| 4. | Relazzjonijiet bejn l-UE u l-UA .....   | 3 |
| 5. | Libja.....                              | 3 |
| 6. | Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja..... | 3 |
| 7. | Affarijiet oħra .....                   | 3 |

\*\*\*

## Attivitajiet mhux leġislattivi

### **3. Ġrajjet Kurrenti**

Il-Kunsill kellu diskussjoni qasira dwar l-impenn tal-UE mar-reġjun bil-ħsieb tal-laqgħa li jmiss bejn l-UE u l-Mexxejja tal-G5 tas-Sahel fis-26 ta' Marzu 2020.

Ir-Rappreżentant Għoli Borrell ta informazzjoni dwar iż-żjara reċenti tiegħu f'Belgrad u Pristina u qasam l-impressjonijiet u l-konklużjonijiet tiegħu.

Venezwela: Ir-Rappreżentant Għoli rrefera għall-aħħar żviluppi fil-pajjiż u għall-vjaġġ ta' sensibilizzazzjoni li jmiss fir-reġjun mill-Mibgħut Speċjali, Enrique Iglesias.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet qasir dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tas-Sirja u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

### **4. Relazzjonijiet bejn l-UE u l-UA**

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Ministri pprovdew gwida politika dwar l-istrateġija futura tal-UE mal-Afrika u sensibilizzazzjoni mas-sħab Afrikani. Huma appoġġaw b'mod ġenerali d-deskrizzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta li jmiss dwar il-kwistjoni u talbu li jiġu involuti mill-qrib fil-proċess preparatorju ulterjuri.

### **5. Libja**

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u laħaq qbil politiku dwar missjoni ġdida tal-PSDK tal-UE b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-embargo tan-NU fuq l-armi.

### **6. Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Indja**

*Skambju ta' fehmiet*

Punt mhux meħud minħabba nuqqas ta' ħin.

### **7. Affarijiet oħra**

Ir-Rappreżentant Għoli ħabbar li r-raba' Konferenza ta' Brussell dwar l-appoġġ għall-futur tas-Sirja u r-reġjun ser issir matul l-ewwel semestru tal-2020.